SANTA LUĊIJA

MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Numru 13-20

**12 ta' Mejju 2020**

Minħabba iċ-ċirkustanzi preżenti Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija Itaqa' b'mod virtwali f'12.00p.m.(Nofsinhar).

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI :**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato - Kunsilliera
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**13.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 12-20**

**13.2.1 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa numru 12-20 li kopja tagħhom kienet intbagħtet lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *e-mail*. Il-minuti ġew approvati wara proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**13.3 *Mozzjoni numru 2-2020 Devoluzzjoni tal-Arja ta' fuq il-Berġa fi Vjal Oleandri***

Is-Sindku irreferit għall-ewwel item fuq l-Aġenda u qrat il-mozzjoni numru 2-2020 li kopja tagħha qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti. Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa dwar il-proċedura involuta biex il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-arja tal-Berġa u dwar il-proġett li qed jiġi propost. Is-Sindku wieġbet li l-ewwel pass huwa li l-Kunsill japplika biex ikollu d-devoluzzjoni tal-arja ta' fuq il-Berġa biex wara li jinġiebu l-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Kunsill ikun jista' jibni sular ieħor fuq din il-binja. Il-Mozzjoni numru 2-2020 - Devoluzzjoni tal-Arja ta' fuq il-Berġa fi Vjal Oleandri li bħala proponent għandha lis-Sindku s-Sinjura Charmaine St John u li bħala sekondant għandha lill-Kunsillier Terrence Ellul, ġiet approvata mill-membri kollha tal-Kunsill.

**13.4 *Mozzjoni numru 3-2020 Espressjoni ta' Interess għal Catering Outlet fil-Picnic Area***

Is-Sindku irreferit għat-tieni item fuq l-Aġenda u qrat il-mozzjoni numru 3-2020 li kopja tagħha qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti. Il-Viċi Sindku ikkummenta li mhux iż-żmien opportun li toħroġ sejħa għal proposti minħabba is-sitwazzjoni preżenti tal-Covid 19. Is-Sindku qalet li hi trid l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tibda taħdem fuq din il-proposta u l-proċedura involuta biex il-Kunsill ikun ippreparat.

Il-Mozzjoni 3-2020 Espressjoni ta' Interess għal Catering Outlet fil-Picnic Area li bħala proponent għandha lis-Sindku s-Sinjura Charmaine St John u li bħala sekondant għandha lill-Kunsillier Terrence Ellul, ġiet approvata mill-membri kollha tal-Kunsill.

**13.5** ***Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fis-1.00p.m.Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju fil-5.00p.m.

**Konfermati, illum it-** Tnejn **,** 25 **ta'** Mejju **2020**

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

SANTA LUĊIJA

Data: 4 ta' Mejju 2020

## It-Tmien Leġislatura

Avviż ta' Mozzjoni numru 2-2020

Għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv

Jekk jgħoġbok inkludi din il-mozzjoni fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss:

Din il-Mozzjoni qed tipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija japplika għad-devoluzzjoni tal-arja ta' fuq il-bini tal-Berġa ta' Santa Luċija li tinsab fi Vjal Oleandri. L-għan ta' din il-proposta hu li l-Kunsill ikun jista' jtella' sular ieħor fuq din il-binja eżistenti biex minn din il-faċilita' jkunu jistgħu jingħataw aktar servizzi lir-residenti ta' Santa Luċija.

Proponent : Charmaine St John Firma_______________

Sekondant : Terrence Ellul Firma_______________

---

Għall-użu tal-Uffiċċju Amministrattiv:

Illum it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2020 irċevejt l-avviż ta' mozzjoni numru 2-2020 biex tiġi mniżżla fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Caroline Silvio
Segretarju Eżekuttiv

SANTA LUĊIJA

Data: 4 ta' Mejju 2020

## It-Tmien Leġislatura

Avviż ta' Mozzjoni numru 3-2020

Għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv

Jekk jogħġbok inkludi din il-mozzjoni fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss:

Din il-Mozzjoni qed tipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija jgħati l-approvazzjoni tiegħu biex jibdew taħdidiet mal-Awtorita' tal-Artijiet u ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll ma' entitajiet oħra ikkonċernati fir-rigward ta' proposta biex tinħareġ Espressjoni ta' Interess għal Catering Outlet fil-Picnic Area fi Triq il-Pepprin.

Proponent : Charmaine St John Firma____________

Sekondant : Terrence Ellul Firma____________

---

Għall-użu tal-Uffiċċju Amministrattiv:

Illum it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2020 irċevejt l-avviż ta' mozzjoni numru 3-2020 biex tiġi mniżżla fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Caroline Silvio
Segretarju Eżekuttiv